**Ruling tas-Sedja mogħti mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia, fis-Seduta 380 tad-29 ta' Settembru 2025 dwar talbiet għal informazzjoni mingħand Ministeri/Dipartimenti mill-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet**

Nhar il-Ħamis, 25 ta' Settembru 2025, is-Sedja rċeviet email mingħand il-President tal-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet, l-Onor. Chris Agius, għan-nom tal-istess Kumitat, fejn qal hekk:

> "Nixtieq inressaq għall-attenzjoni tiegħek forsi dan il-Kumitat ikollu soluzzjoni u/jew direzzjoni dwar sitwazzjoni li qed jiffaċċja. Qed ikun hemm istanzi fejn il-Kumitat jikteb lil Ministeri/Dipartimenti sabiex ikollu informazzjoni fuq xi petizzjoni. Minkejja li anke jibgħat reminders għal darba tnejn u anke aktar f'ċerti każi, jibqa' mingħajr risposta.
>
> Għalhekk nixtiequ direzzjoni sabiex petizzjonijiet ma jibqgħux pendenti għal ħafna żmien."

Is-Sedja bdiet il-kunsiderazzjoni tagħha tat-talba billi rat l-Ordni Permanenti 120K li jwaqqaf il-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet, u li jgħid hekk:

> "120K. (1) Il-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet ikollu s-setgħa li jikkunsidra l-petizzjonijiet li l-Kamra tirċievi bil-mod stabbilit fl-Ordnijiet Permanenti.
>
> (2) Il-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet ikun magħmul minn ħames Membri, li minnhom tlieta jiġu maħtura min-naħa tal-Gvern li wieħed fosthom ikun il-President tal-Kumitat u tnejn min-naħa tal-Oppożizzjoni.
>
> (3) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (3) u (4) tal-Ordni Permanenti 120B għandhom japplikaw mutatis mutandis għall-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet.
>
> (4) Il-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet jista' jistabbilixxi, u minn żmien għal żmien jaġġorna, linji gwida li jirregolaw aħjar il-ħidma tiegħu fil-qadi ta' dawk il-funzjonijiet u setgħat mogħtija lilu skont dawn l-Ordnijiet Permanenti u/jew skont kull liġi oħra. Dawn il-linji gwida għandhom jiġu sussegwentement approvati mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra u minnufih wara għandhom jiġu mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra mill-Ispeaker fil-kapaċità tiegħu ta' Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

Is-Sedja rat ukoll il-Linji gwida għall-Petizzjonijiet ippreżentati fuq is-sit elettroniku tal-Parlament kif approvati mill-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet fis-16 ta' Settembru 2019[1], u minnhom tikkwota Linja Gwida 7.4 li jgħid illi:

> "Wara d-diskussjoni, il-Kumitat jista' jiddeċiedi jekk il-petizzjoni għandhiex tiġi referuta lil xi Kumitat Permanenti jew Magħżul tal-Kamra, jew għandhiex issir diskussjoni fil-Kamra kollha.
>
> Il-Kumitat jista' jiddeċiedi wkoll li jirreferi l-petizzjoni lil xi Ministeru, Dipartiment jew Awtorità."

[1] https://parlament.mt/media/118920/linji-gwida-ghall-petizzjonijiet.pdf

Għalhekk, filwaqt li fil-każ ta' kumitati parlamentari oħra fl-Ordnijiet Permanenti hemm definit b'mod dettaljat x'jistgħu u ma jistgħux jagħmlu dawn il-kumitati parlamentari, jew inkella x'għandhom jagħmlu wara li jiddeċiedu fuq każ jew ieħor, fil-każ tal-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet, l-Ordni Permanenti 120K jagħti s-setgħa lill-istess Kumitat sabiex jaqbel u jipproponi lill-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra, kif ser ikun qiegħed jagħmel il-ħidma tiegħu fil-prattika. Dan kif għamel anke lura fl-2019 meta l-Kumitat fassal linji gwida estensivi li jirregolaw il-ħidma tiegħu.

Is-Sedja tinnota li f'dawn il-linjji gwida kien hemm qbil illi:

> "Il-Kumitat jista' jiddeċiedi wkoll li jirreferi l-petizzjoni lil xi Ministeru, Dipartiment jew Awtorità."

iżda ma jidħolx f'dak li jiġri jekk tali Ministeru, Dipartiment jew Awtorità tonqos milli tagħti l-informazzjoni mitluba.

Is-Sedja ħasset ukoll li, fin-nuqqas ta' direzzjoni ċara mill-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati, abbażi tal-Ordni Permanenti 197 tikkonsidra r-regoli, proċeduri u użanzi tal-House of Commons tar-Renju Unit.

Is-Sedja rat li dawk il-petizzjonijiet li huma meqjusa ammissibbli, u ċjoè petizzjonijiet li l-parlament jew il-gvern għandu mansjoni fuqhom, jittellgħu fuq is-sit tal-Parlament. Dawk li jiġbdu 10,000 firma jkollhom risposta uffiċjali għalihom bil-miktub mill-Gvern, filwaqt li dawk li jiġbru 'l fuq minn 100,000 firma, jiġu diskussi fil-Parlament, u nikkwota mis-sit uffiċjali tal-petizzjonijiet li jgħid:

> "6. At 10,000 signatures your petition on the UK Government and Parliament site gets a response from the government.
> 7. At 100,000 signatures your petition on the UK Government and Parliament site will be considered for a debate in Parliament."

Meta wieħed iqis illi l-popolazzjoni tar-Renju Unit hija madwar 70 miljun, u petizzjoni li jkollha 10,000 firma, f'dak il-każ il-gvern irid jirrispondi għal dik il-petizzjoni, wieħed jirrimarka illi petizzjonijiet li jiġbdu numru konsiderevoli ta' firem f'Malta, ikunu jikkumparaw tajjeb ħafna ma dak li għadni kif spjegajt.

Filwaqt li fil-każ ta' Malta l-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet jiddiskuti kull petizzjoni li tiġi meqjusa bħala ammissibbli skont il-linji gwida tal-istess Kumitat, is-Sedja tara li forsi li abbażi tal-proporzjonijiet tar-Renju Unit, il-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet jiddiskuti u jipproponi emendi għal-linji gwida tal-2019 sabiex jekk petizzjoni jkollha s-saħħa ta' bejn 75 firma u 80 firma, allura l-Gvern għandu jkollu obbligu li jagħti risposta lill-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet dwar dik il-petizzjoni partikolari. Wieħed għandu jiddiskuti wkoll mekkaniżmu li jiżgura li din il-proċedura, jew xi oħra li l-Kumitat jista' jaqbel dwarha, tiġi segwita biex b'hekk l-istess Kumitat ma jibqax mingħajr risposta.

Hawnhekk is-Sedja se terġa' tagħmel referenza għall-użanza Ingliża u żżid tgħid li meta petizzjoni jkollha mal-100,000 firma, dik il-petizzjoni tkun trid tiġi wkoll ikkonsidrata għad-dibattitu fil-Parlament. Tant hu hekk li fil-proċeduri tal-House of Commons jingħad hekk:

> "After 100,000 signatures, petitions are considered for debate in Parliament."

Li kieku wieħed kellu japplika dan il-kejl għall-popolazzjoni Maltija ta' madwar 500,000, ikun ifisser li meta petizzjoni tilħaq it-800 firma, il-Kumitat ikollu jikkonsidra li din tiġi għad-dibattitu fil-Parlament.

Għalhekk, is-Sedja, filwaqt li tħeġġeġ lill-Ministeri, Dipartimenti u Awtoritajiet sabiex fejn hemm nuqqas ta' risposta minkejja li saru diversi reminders, kif kiteb l-istess Chairperson għan-nom tal-Kumitat kollu, dawn jissottomettu l-informazzjoni mitluba, il-Kumitat għandu wkoll jikkonsidra d-direzzjoni tas-Sedja kif spjegata f'dan ir-ruling, u ċjoè li jirrevedi l-linji gwida tal-2019 sabiex idaħħal mekkaniżmu li jiżgura li l-kumitat ikun jista' jittratta petizzjonijiet li jaslu għandu b'mod xieraq.

Ir-ruling huwa deċiż.